MELLIEHA

MINUTI

**KUNSILL LOKALI TAL-MELLIEĦA**

**IS-SEBA' KUNSILL**

SEDUTA NRU. 42

28 ta' Awwissu 2015

Minuti tas-seduta Nru. 41 tal-Kunsill Lokali tal-Mellieħa li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill, f'Numru 126, Triq il-Mitħna l-Ġdida, Mellieħa, nhar il-Ġimgħa, 28 ta' Awwissu 2015 fis-6.00pm.

## PREŻENTI

Il-Kunsillieri kollha minbarra l-Kunsillier D. Vella li jinsab rikoverat fl-isptar. L-Ambaxxatur Lokali għaż-Żgħażagħ, Erica Galea ma attendietx is-seduta.

Is-Segretarju Eżekuttiv C. Debono rreġistra l-minuti, filwaqt li s-seduta ġiet trasmessa direttament permezz tal-internet.

## TALBA

It-talba ntqalet mis-Sindku J. Buttigieg.

## 1.0. Minuti

1.1. Il-Kunsill approva l-minuti tas-seduta preċedenti mingħajr emendi u għalhekk ġew iffirmati mis-Sindku u Segretarju Eżekuttiv. Il-Kunsill qabel ukoll li dawn għandhom jiġu ppubblikati fis-sit elettroniku http://www.lc.gov.mt.

## 2.0. Materji Mqajma mill-Minuti

### 2.1.1. PC 0046/13 – Reviżjoni tal-*policy* dwar l-ippjanar fiż-żona tal-barrieri f'Ta' Masrija (P/5/1/Vol IV)

2.1.2. Is-Sindku rrefera għall-minuta 4.3.1. tas-seduta ta' qabel u qal li huwa flimkien mal-Viċi Sindku C. Bartolo attendew għal-laqgħa tal-bord tal-MEPA fejn ittieħdu deċiżjonijiet dwar il-*policy* li tirreġola l-iżvilupp taż-żona fejn hemm il-barrieri f'Ta' Masrija.

2.1.3. Is-Sur C. Bartolo qal li waqt l-istess laqgħa huwa aċċenna għall-fatt li kien hemm tibdil fil-*policy* originali, fejn gie ssuġġerit li din tinbidel bil-għan li s-sulari jiġu mtarrġa minn naħa ta' Triq Lewis Wettinger għal Triq Ta' Masrija. B'dan il-mod il-bini jkun jirrifletti t-topografija tal-art u hekk jitnaqqas l-impatt tal-għoli tiegħu minn naħa tal-Miżieb. Sfortunatament, din l-emenda m'għaddietx.

2.1.4. Il-Viċi Sindku qal ukoll li l-abbozz tal-*policy* ħalla mhux imwieġba diversi mistoqsijiet u għalhekk huwa qanqalhom waqt il-laqgħa tal-MEPA, fosthom:

- X'ser ikun il-massimu ta' *units* residenzjali li ser jiġu permessi biex ma tinħoloqx konġestjoni u effett ta' *bad neighbourliness?*;
- F'zona kklassifikata bhala "*Residential Priority Area*" ser jiġu permessi hwienet zgħar li jaqdu biss ir-residenti tal-istess zona?

- X'miżuri ser ikun hemm fid-disinn tal-bini biex ikun jista' jingabar l-iskart?;
- Ser ikun hemm titjib fis-servizzi bhalma huma: *sub-station/s* tal-elettriku, ilma, drenagg?;
- Min ser ikun responsabbli mis-*soft areas*? L-izviluppaturi jew il-Kunsill ser ikollu jitgħabba bl-ispejjeż taż-żamma u l-manutenzjoni tagħhom?;
- Il-*planning contribution* f'liema fond sejra? Fil-*Urban Improvement Fund (UIF),* fl-*Environment Initiatives in Partnership Programme (EIPP)? S*er tkun marbuta biss mat-tibdil li jrid isir fil-*junctions* ta' Triq it-Tgħam u dik ta' Triq il-Mitħna l-Qadima ma' Triq Lewis Wettinger?
- X'infrastruttura ser ikun hemm biex jinġabar l-ilma tax-xita?;

2.1.5. Is-Sur C. Bartolo qal li kien uħud mill-punti ttieħdet nota tagħhom sabiex jiġu kkunsidrati fil-*policy* finali, filwaqt li kien hemm oħra li għandhom jiġu trattati waqt l-ipproċessar tal-applikazzjoni li għamlu l-iżviluppaturi.

2.1.6. Il-Kunsill innota l-interventi li saru.

## 2.2.1. Tlielaq ta' karozzi klassici organizzati mill-Valletta Grand Prix Foundation (A/6/3/2/Vol 47)

2.2.2. Il-Viċi Sindku rrefera għall-minuta 15.1. tas-seduta ta' qabel u qal li l-organizzaturi għandhom l-intenzjoni li jużaw Dawret il-Mellieħa, bejn it-3.00pm u t-8.00pm, biex jiġu evitati l-ħinijiet li aktar jgħaddu vetturi kummerċjali.

2.2.3. Il-Kunsill innota din l-informazzjoni, filwaqt li approva li l-attivita` isseħħ f'Dawret il-Mellieħa fil-perjodu ndikat.

## 3.0. Tqegħid ta' Karti

- *Purchase Request Form* – 25/08/15
- Skeda ta' Infieq permezz tal-*Petty Cash* – 21/07/15 – 12/08/15
- Skeda ta' Pagamenti – 07/08/15 – 25/08/15
- Skeda ta' korrispondenza li waslet;
- Skeda ta' korrispondenza li ntbagħtet;
- Sejħa 2/2015 – Skeda ta' Offerti - Lampi Ornamentali għall-Misraħ il-Parroċċa;
- Sejħa 2/2015 – Lampi Ornamentali għall-Misraħ il-Parroċċa – Rapport Tekniku;
- Sejħa 3/2015 – Skeda ta' Offerti – Servizz ta' *Accountant*;
- Sejħa 4/2015 – Skeda ta' Offerti – Provista ta' Konkos għal Użu Ġenerali
- Sejħa 5/2015 – Skeda ta' Offerti – Provista ta' Asfalt

## 4.0. Korrispondenza

## 4.1.1. Tagħlim akkademiku u vokazzjonali (S/6/Vol IV)

4.1.2. Saret referenza għal ittra datata 20 ta' Lulju 2015 iffirmata mill-Prinċipal u mill-Prefett tad-Dixxiplina tal-Kulleġġ Maria Regina. Fl-istess ittra ġie spjegat li l-Kulleġġ nieda inizjattiva li hija ntenzjonata biex jinħoloq bilanċ bejn tagħlim akkademiku u dak vokazzjonali. Fost is-suġġetti vokazzjonali li ser jiġu offruta hemm: xogħol ta' mastrudaxxa, restawr, agrituriżmu, tappezzerija, elettriku u ospitalita`. Peress li dan jeħtieġ numru ta' riżori ġodda, il-Kulleġġ qed jitlob li l-Kunsill Lokali minn fejn ġejjin l-istudenti sabiex jisponsorjaw wieħed li l-ispiża fuqu hija stmata li tlaħħaq €250. Ġew magħżula 16-il student li wieħed minnhom huwa mill-Mellieħa.

4.1.3. Il-Kunsill approva t-talba.

## 4.2.1. Ipparkjar fi Triq Ramlet il-Qortin (T/3/2/Vol XII)

4.2.2. Saret referenza għal imejl datat 30 ta' Lulju 2015, mibgħut minn Ms Margaret Camilleri, fejn ġibdet l-attenzjoni li minħabba illi ma hemmx bankini, in-nies qed ikollhom jimxu fil-karreġġjata, peress li vetturi pparkjati mhumiex qed iħalluhom jagħmlu mod ieħor.

4.2.3. Il-Kunsill iddeċieda li għandha ssir rakkomandazzjoni lil Transport Malta sabiex jiġi pprojbit l-ipparkjar fuq dik in-naħa ta' Triq Ramlet il-Qortin, fejn hemm il-latrina pubblika.

### 4.3.1. Sessjonijiet tal-Yoga għall-anzjani (E/3/1/11/Vol II)

4.3.2. Saret referenza għal imejl datat 25 ta' Awwissu 2015, mibgħut mid-Dipartiment għall-Anzjani u Kura fil-Komunita` fejn ingħad li fuq talba tal-anzjani li kienu jattendu s-sessjonijiet tal-*aerobics* fiċ-Ċentru ta' Matul il-Jum, hemm l-intenzjoni li jsiru minflok sessjonijiet oħra tal-yoga. Għaldaqstant l-istess Dipartiment qed jipproponi li jsiru 33 sessjoni, bejn Ottubru 2015 u Ġunju 2016, li fit-totalita` tagħhom jiswew €825, bl-ispiża tinqasam bejn il-Kunsill u l-istess Dipartiment.

4.3.3. Il-Kunsillier J. Attard ikkummenta li mir-rispons li kien hemm mill-anzjani li kienu jattendu s-sessjonijiet fl-edizzjoni 2014/2015 ma jirriżultalux li xi talba ġenerali min-naħa li ssir il-yoga u mhux l-aerobics. Huwa għaldaqstant qal li ser jitkellem mal-uffiċjal konċernat fi ħdan id-Dipartiment għall-Kura tal-Anzjani biex jiċċara s-sitwazzjoni.

### 4.4.1. Imwejjed u siġġijiet f'Misraħ il-Parroċċa - Mellieħa (T/4/10/Vol II)

4.4.2. Saret referenza għal ittra datata 12 ta' Awwissu 2015, dwar talba mis-Societa` La Vittoria sabiex jingħata permess ħalli jitpoġġew imwejjed, siġġijiet u umbrellel quddiem is-sede tal-istess soċjeta`, kemm fuq il-parapett kif ukoll fil-livell tat-triq f'Misraħ il-Parroċċa. Fil-każ tal-aħħar, l-imwejjed u siġġijiet qed jintalbu fuq pjattaforma tal-injam.

4.4.3. Is-Sindku qal li l-Awtorita` Maltija tat-Turiżmu ma sabitx oġġezzjoni għat-talba sakemm l-għamara msemmija titpoġġa quddiem s-sede tas-soċjeta` imsemmija. Minn naħa l-oħra, Transport Malta ma sabitx oġġezzjoni lanqas, bil-kundizzjonijiet segwenti:

- L-għamara ma tostakolax il-passaġġ pedonali;
- Umbrellel u/jew tagħmir li jiġġenera sħana għandhom jitpoġġew fil-medda approvata;
- Jinkiseb il-kunsens ta' entitajiet oħra konċernati;
- Drittijiet ta' terzi m'għandhomx jiġu mittiefsa;
- L-għamara m'għandhiex tikkawża periklu għall-*pedestrians*;
- Transport Malta, il-Kunsill Lokali u l-Pulizija tirriżerva d-dritt li tneħħi kwalunkwe għamara għal raġunijiet ta' sigurta` u f'okkażjonijiet speċjali.

4.4.4. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni li titpoġġa għamara fil-postijiet indikati, iżda kien tal-fehma li flimkien mal-kundizzjonijiet imposti mill-awtoritajiet imsemmija fil-minuta 4.4.3., għandhom jiżdiedu l-kundizzjonijiet segwenti:

i. Għandu jitħalla passaġġ pedonali ta' mill-inqas 1.5 metri fuq il-parapett pubbliku;
ii. M'għandha titpoġġa ebda għamara fl-*area* li attwalment hija ndikata bil-*hatching* fuq it-tarmak, preċiżament f'Misraħ il-Parroċċa kantuniera ma' Triq San Pawl; u
iii. L-għamara fil-livell ta' Misraħ il-Parroċċa għandha tkun limitata għall-*parking bays* li jiġu preċiżament quddiem il-bini tal-applikant;
iv. L-imwejjed proposti fil-livell tal-misraħ għandhom jitpoġġew direttament fuq wiċċ it-triq mingħajr l-użu ta' pjattaforma, filwaqt li l-bankina titħalla ħielsa minn kull ngombru;
v. Il-Kunsill iżomm id-dritt li jitlob it-tneħħija tal-għamara proposta minħabba raġunijiet ta' periklu u/jew f'okkażjonijiet speċjali.

### 5.1. Talbiet għal Xiri ta' Servizzi u Materjal

5.2. Ġiet imressqa *Purchase Request Form* datata 25 ta' Awwissu 2015.

5.3. Kien hemm qbil dwar il-ħruġ tal-*purchase orders* li fadal jinħarġu mill-*items* elenkati fl-imsemmija skeda.

## 6.1. Talbiet għal Ħlasijiet marbuta ma' Servizzi u Materjal

6.2. Tressqet skeda ta' infieq li sar permezz tal-*Petty Cash* bejn il-21 ta' Lulju u it-12 ta' Lulju 2015. Tressqet ukoll skeda ta' pagamenti li tkopri bejn is-7 u l-25 ta' Awwissu 2015.

6.3. Il-Kunsill approva l-pagamenti kollha nklużi fiż-żewġ skedi u għaldaqstant kien hemm qbil li l-Iskeda tal-Pagamenti għandha tiġi ppubblikata fis-sit elettroniku http://www.lc.gov.mt.

## 7.1. Tħejjijiet għall-Festi ta' San Ġużepp fil-Manikata u tal-Vitorja fil-Mellieħa (F/2/Vol VIII)(F/2/1/Vol I)

7.2. Is-Sindku qal illi fis-17 ta' Awwissu 2015 saret il-laqgħa li tiġi msejħa mill-Kunsill kull sena mal-Pulizija, il-Gwardjani Lokali, u mal-Ghaqdiet involuti fil-festi titulari. Is-Sur J. Buttigieg spjega li tfassal programm iddettaljat dwar l-arranġamenti tat-traffiku meħtieġa, li din id-darba jinkludi l-pontifikal li ser isir fil-Knisja Parrokkjali, il-gwardja tal-unur mill-Armata u l-attendenza ta' għad ta' Kavallieri tal-Ordni ta' San Ġwann li ser ikunu Malta fl-okkażjoni tal-450 anniversarju mill-Assedju l-Kbir tal-1565. Dak li ġie diskuss u miftiehem mill-Kunsill fis-seduta preċedenti nġabar fi skeda waħda li ser tiġi mgħoddija lil kull Kunsillier.

7.3. Is-Segretarju għarraf li l-Pulizija li ser jiġu pprovduti bħala parti mis-servizzi li jingħata mill-Korp fil-festi, kienu għadhom qed jiġu diskussi, bil-għan li jiġi stabbilit in-numru ta' Pulizija *on extra duty* u Gwardjani Lokali, mħallsa mill-Kunsill.

7.4. Il-Kunsill innota l-azzjoni li ttieħdet.

7.5. Il-Viċi Sindku C. Bartolo rrefera għal imejl datat 28 ta' Awwissu 2015, fejn l-operatur tal-Maritim Hotel Antonin & Spa talab li jestendu l-permess tal-imwejjed u siġġijiet fuq il-pont ta' Triq Adenau, bl-lejla oħra nhar is-Sibt, 5 ta' Settembru.

7.6. Il-Kunsill laqa' it-talba, kemm-il darba ssir applikazzjoni formali.

## 8.1. Ftehim dwar il-Berġa (M/8/Vol V

8.2. Is-Segretarju rrefera għal imejl datat 11 ta' Awwissu 2015, mibgħut mid-Dipartiment għall-Kura Primarja fejn intqal li d-Dipartiment ma jħallasx kera u kontijiet ta' ilma u elettriku. Intqal ukoll li biex ikun hemm ħlas għal servizz ta' fattiga ta' siegħa fil-ġimgħa, id-Dipartiment qed tiswielu €401.96 fis-sena. Is-Sur C. Debono kompla jgħarraf li d-Direttur tad-Dipartiment għall-Gvern Lokali kkonferma li l-kriterji li fuqhom hija bbażata l-allokazzjoni finanzjarja tal-Kunsilli Lokali għadha l-istess, irrispettivament jekk tiġix effettwata d-devoluzzjoni tal-berġa, jew le. Kompla jgħid li permezz ta' imejl datat 8 ta' Awwissu 2015, id-Dipartiment għall-Kura Primarja għadda disinn tal-bieb tal-berġa li possibilment jista' isir mill-Kunsill taħt il-ftehim ta' devoluzzjoni. Is-Sur C. Debono għarraf lill-Kunsill illi skont kif mitlub fil-Memo 13/2015 tal-11 ta' Ġunju 2015, huwa għarraf lid-Dipartiment għall-Gvern Lokali dwar din il-proposta, permezz ta' imejl datat l-1 ta' Lulju 2015, iżda ma ngħatat ebda tweġiba.

8.3. Il-Kunsill iddeċieda li m'għandux jidħol f'ebda ftehim f'dan l-istadju fid-dawl ta' memo imsemmi, fejn id-Dipartment għall-Gvern Lokali talab lill-Kunsilli Lokali jinformawħ b'inizjattivi qabel jiġu mnedija anke jekk dawn ikunu jinvolvu Ministeri. Ittieħed in konsiderazzjoni illi ma kien hemm l-ebda gwida kollettiva dwar id-devoluzzjoni tal-bereġ la mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali u lanqas mill-Assoċjazzjoni għall-Kunsill Lokali.

8.4. Minkejja dan, il-Kunsill kien tal-fehma illi la darba l-bieb ta' barra tal-berġa huwa perikoluż, dan għandu jinbidel xorta waħda mid-Dipartiment għall-Kura Primarja.

## 9.1. Sejħa għall-offerti 2/2015 – Lampi Ornamentali għall-Misraħ il-Parroċċa – Mellieħa (P/4/3/Vol IV)

9.2. Is-Segretarju għarraf li s-sejħa għalqet fit-12 ta' Awwissu 2015 u kien hemm offerta waħda minn Mica Med Ltd, fejn l-ispejjeż ikkwotati kienu kif jidher hawn taħt:

| Bill of quantities: Decorative luminaires | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| Item Number | Description | Quantity | Unit | Rate in € (incl. VAT) | Mica Med Ltd |
| | Option 1 (LED lamps) | | | | |
| 1.00 | Electrical Installation | | | | |
| | Dismantling | | | | |
| 1.01 | Disconnect electrical circuit, dismantle, remove, carting away and proper disposal of the existing luminaires installed on the Mellieha church parvis. | Lump | Sum | 295.00 | 295.00 |
| | *Supply, deliver to site, install and connect the following luminaires and accessories as specified:* | | | | |
| 1.02 | Decorative luminaire Type A as specified (Option 1) | 2 | No. | 8,581.55 | 17,163.10 |
| | *Testing and commissioning* | | | | |
| 1.03 | Test and commission the electrical installation as per IEE and Enemalta regulations | Lump | Sum | - | - |
| | *Total for Decorative Luminaires (Option 1)* | | | | € 17,458.10 |
| | Option 2 (High Pressure Sodium lamp) | | | | |
| 2.00 | Electrical Installation | | | | |
| | Dismantling | | | | |
| 2.01 | Disconnect electrical circuit, dismantle, remove, carting away and proper disposal of the existing luminaires installed on the Mellieha church parvis. | Lump | Sum | 295.00 | 295.00 |
| | *Supply, deliver to site, install and connect the following luminaires and accessories as specified:* | | | | |
| 2.02 | Decorative luminaire Type A as specified (Option 2) | 2 | No. | 7,932.55 | 15,865.10 |
| | *Testing and commissioning* | | | | |
| 2.03 | Test and commission the electrical installation as per IEE and Enemalta regulations | Lump | Sum | - | - |
| | *Total for Decorative Luminaires (Option 2)* | | | | € 16,160.10 |

9.3. Is-Segretarju għarraf li d-dokumentazzjoni mitluba fis-sejħa ġew sottomessi kif mitlub u dawn kienu jinkludu:

- Formola tat-Offerta
- Garanzija bankarja għall-valur u data ta' skadenza mitluba
- *No Collusive Tendering Certificate*
- Tagħrif dwar l-offerent
- Dikjarazzjoni dwar l-assikurazzjoni
- Programm tax-xogħol
- Speċifikazzjonijiet tat-tagħmir offrut

9.4. Il-Kunsill ra r-rapport tekniku, datat 24 ta' Awwissu 2015, imħejji minn Galea Curmi Engineering Consultants, fejn ġew imqabbla l-ispeċifikazzjonijiet tat-tagħmir offrut ma' dawk stabbiliti fid-dokument tal-offerta u rriżulta li dawn huma kompatibbli. Is-Segretarju fakkar ukoll li l-istima illi saret mill-istess inginiera kemm għal *Option* 1 kif ukoll għal Option 2 kienet €17,000 u €16,000, rispettivament.

9.5. Il-Kunsill iddeċieda li għandha tinħareġ ittra ta' aċċettazzjoni lill-offerent Mica Med Ltd firrigward ta' *Option* 2.

## 10.1. Sejħa għall-offerti 3/2015 – Servizz ta' *Accountant* (C/3/3)

10.2. Is-Segretarju għarraf li s-sejħa għalqet fit-12 ta' Awwissu 2015 u kien hemm erba' offerti, fejn l-ispiża annwali ta' kull wieħed kient ikkwotata kif jidher hawn taħt:

| Offerenti | Ħlas Annwali (€) |
|---|---|
| Grant Thornton | €4,180 |
| Mr Daniel Galea | €2,490 |
| Parker Rendall Turner | €2,572 |
| Mr Daniel Cuschieri | €2,500 |

10.3. Is-Segretarju għarraf li d-dokumentazzjoni mitluba fis-sejħa ġew sottomessi kif mitluba u dawn kienu jinkludu:

- Formola tat-Offerta
- Garanzija bankarja
- *No Collusive Tendering Certificate*

L-offerent Grant Thorton ma ssottomettiex il-garanzija bankarja.

10.4. Il-Kunsill iddeċieda li għandha tinħareġ ittra ta' aċċettazzjoni lill-offerent Daniel Galea billi tefa' l-irħass offerta, filwaqt li jissodisfa l-kriterji msemmija fid-dokument tal-offerta, ossija:

- o Jippossjedi ħames snin esperjenza ta' xogħol wara li kkwalifika;
- o Għandu il-*warrant* ta' *Certified Public Accountant* skont l-Att dwar il-Professjoni tal-*Accountants* u skont Memo 12/2005 maħruġ mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali;
- o Għandu erba' snin esperjenza fl-ambitu` tal-Kunsilli Lokali;
- o Għandu konoxxenza tal-Att dwar Kunsilli Lokali tal-1993 u leġiżlazzjoni sussidjarja u l-Proċedura dwar Kunsilli Lokali (1996) u memos maħruġa mill-Kunsilli Lokali; u
- o Kapaċi juża s-*software* użat għaż-żamma tal-kontijiet mill-Kunsilli Lokali – *Sage Pastell Partner* u *Evolution Accounting Modules*.

## 11.1. Sejħa għall-offerti 4/2015 – Provvista ta' Konkos għal użu ġenerali (D/3/1/Vol V)

10.5. Il-Kunsill ġie mgħarraf li s-sejħa għalqet fit-12 ta' Awwissu 2015 u kien hemm żewġ offerti, fejn ir-rati kkwotati minn kull offerent kienu kif jidher hawn taħt:

| | *Item 1 C20* | *Item 2 C25* | *Item 3 C30* | *Item 4 C35* | *Item 5 C40* |
|---|---|---|---|---|---|
| ***Tenderer*** | ***€/cu.m*** | ***€/cu.m*** | ***€/cu.m*** | ***€/cu.m*** | ***€/cu.m*** |
| *Central Asphalt Ltd* | *83.34* | *93.41* | *104.90* | *122.14* | *135.08* |
| *Żrar Ltd* | *87.70* | *98.65* | *106.55* | *123.90* | *132.00* |

11.2. Il-Kunsill ġie mgħarraf li s-sottomissjonijiet li saru ġew mgħoddija lill-*Contracts Manager* għar-rapport tekniku tiegħu, qabel ikun hemm aktar diskussjoni fuq dan is-suġġett.

## 12.1. Sejħa għall-offerti 5/2015 – Provvista ta' *Dense Coated Mixes* (D/3/1/Vol V)

12.2. Il-Kunsill ġie mgħarraf li s-sejħa għalqet fit-12 ta' Awwissu 2015 u kien hemm żewġ offerti, fejn ir-rati kkwotati minn kull offerent kienu kif jidher hawn taħt:

| *Item* | *Description* | *Unit* | *Central Asphalt Ltd Labour Ave., Naxxar (€)* | *Bonnici Bros. Ltd (€)* |
|---|---|---|---|---|
| *1.* | *Supply only of dense cold asphalt to be used for patching of road surfaces* | *Tonne* | *89.00* | ***n/a*** |
| *2.* | *Supply of dense hot asphalt to be used for patching of road surfaces* | *Tonne* | *138.00* | *120.00* |
| *3.* | *Supply of Instant Road Repair Asphalt bags for patching of road surfaces* | *25 Kg* | *n/a* | *Option A €33.92*<br><br>*Option B €17.11* |
| *4.* | *Transport only to site of Dense Coated Mixes at Items 1 and 2 above* | *Per trip not exceeding 16 tonnes* | *75.00* | *90.00* |
| *5* | *Bituminous Emulsion* | *10 litre* | *9.25* | *Refug 2k 5kg – €34.81*<br><br>*Refug 2k premixed 330ml - €12.39* |

12.3. Il-Kunsill ġie mgħarraf li s-sottomissjonijiet li saru ġew mgħoddija lill-*Contracts Manager* għar-rapport tekniku tiegħu, qabel ikun hemm aktar diskussjoni fuq dan is-suġġett.

## 13.1. Użu tas-Sala tal-Kunsill (K/1/3/Vol II)

13.2. Is-Sindku għarraf lill-Kunsill illi l-Mellieħa Sports Club Football Nursery jixtiequ jagħmlu użu mis-sala tal-Kunsill nhar is-Sibt 5 ta' Settembru 2015, bejn id-9.00am u nofsinhar biex issir laqgħa għall-*coaches*.

13.3. Il-Kunsill approva t-talba.

## 14.1. *Junction* ta' Triq il-Miżieb ma' Triq Lewis Wettinger (T/3/2/Vol XII)

14.2. Il-Kunsillier H. Fenech ġibed l-attenzjoni għall-periklu li jeżisti biex wieħed idur għad-Triq tal-Miżieb minn Triq Lewis Wettinger u bil-kontra. Minkejja li saret *central refuge* biż-żebgħa mal-art, jeħtieġ li jittieħdu miżuri fiżiċi li jġiegħlu lis-sewwieqa jieħdu l-prekawżjonijiet meħtieġa.

14.3. Il-Kunsill qabel li għandhom jsiru rappreżentazzjonijiet ma' Transport Malta f'dan is-sens.

## 15.1. Tqegħid ta' imwejjed u siġġijiet fi Triq Adenau (T/4/10/Vol II)

15.2. Il-Viċi Sindku C. Bartolo għarraf li huwa ġie avviċinat mill-operatur tal-Pergola Club Hotel illi għandu l-intenzjoni japplika għall-permess sabiex jitpoġġew imwejjed u siġġijiet fuq żewġ pjanijiet proposti fil-parti t'isfel tat-taraġ ta' Triq Adenau, b'passaġġ pedonali fuq ġenb wieħed.

15.3. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni fil-prinċipju, iżda ttieħed in konsiderazzjoni li jeħtieġ issir applikazzjoni mal-entitajiet konċernati. L-attenzjoni tal-Kunsill inġibdet għall-fatt li jinżel volum kbir ta' ilma tax-xita mit-taraġ..

**16.1. Tiswija ta' *Air Conditioner* fis-Sala tal-Kunsill (K/1/2/Vol V)**

16.2. Is-Sindku għarraf li saru lmenti minn persuni li jattendu l-korsijiet tal-kompjuter u tal-aerobics dwar wieħed mill-*air conditioners* tas-sala msemmija li ilu żmien twil ma jiffunzjonax.

16.3. Is-Segretarju qal li dan ġie nstallat bħala parti mir-rinovar li sar fl-estensjoni tal-uffiċċju u għalhekk huwa talab lill-kuntrattur Salamanda Ltd sabiex jgħid min kien il-fornitur ta' dan it-tagħmir, u jekk dan għadux taħt il-garanzija. Minkejja diversi imejls, messaġġi bil-*mobile phone* u attentati biex isir kuntatt ma' Salamanda Ltd, it-tagħrif mitlub baqa' ma ngħatax.

16.4. Il-Kunsillier E. Bartolo kkummenta li meta jkun hemm dan it-tip ta' problemi, il-pagament finali m'għandux isir. Huwa ppropona li tintbagħat ittra lill-Salamanda Ltd permezz tal-avukat tal-Kunsill.

16.5. Is-Segretarju wieġeb li l-ħlas finali sar meta x-xogħol ġie ċertifikat mill-perit u nqatgħet lista ta' xogħlijiet żgħar li kienu għadhom ma ġewx konklużi. Il-problema tal-*air conditioner* inqalgħet wara dan kollu.

16.6. Is-Sindku qal li huwa ser jikkuntattja lill-perit biex jintervjeni ħalli jinkiseb it-tagħrif mitlub.

**17.1. Ħarġa kulturali (A/5/5/Vol VII)**

17.2. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini pproponiet illi l-ħarġa kulturali li jmiss tkun għall-Smart City, fis-7 ta' Settembru 2015. Il-ħlas tat-trasport ikun €3.00 kull persuna.

17.3. Il-Kunsill approva l-proposta mressqa.

**18.1. Lejla letterarja (A/5/5/Vol VIII)**

18.2. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini rreferiet għad-diskussjonijiet li kien hemm f'seduti preċedenti u għarrfet li tkomplew il-kuntatti dwar l-attivita` imsemmija li hija ppjanata li sseħħ fid-9 ta' Ottubru 2015. Hija qalet li bħala parti minn din l-iniżjattiva tnediet kompetizzjoni fil-kitba ta' poeżija, li għalqet fid-19 ta' Ġunju 2015. Ix-xogħlijiet li daħlu qed jiġu evalwati mis-Sur Charles Magro. Ġie propost li r-rebbieħ jingħata *voucher* ta' €30 u sett ta' pubblikazzjonijiet li saru mill-Kunsill.

18.3. Bħala kontenut fil-programm tas-serata, il-Kunsilliera A. Brincat Stellini, ipproponiet li l-parti mużikali ssir bil-kollaborazzjoni tal-Għaqda Korali u Orkestrali Maria Bambina, filwaqt li l-qari tal-poeziji jsir mis-Sinjuri John Camilleri, Anthony Fenech u Marija Grima. Ġie propost li fi tmiem l-attivita` ikun hemm bibita` bi spiża li ma taqbiżx €250.

18.4. Il-Kunsill aċċetta l-proposti mressqa.

**19.1. Puġġaman fTarag Snajjin (T/3/4)**

19.2. Il-Kunsillier H. Fenech ġibed l-attenzjoni dwar il-ħtieġa li jsir puġġaman fit-taraġ imsemmi.

19.3. Il-Kunsill laqa' t-talba.

**20.1. Proġett LEAP (A/8/3)**

20.2. Il-Kunsillier J. Attard għarraf illi persuni li qed jipparteċipaw fil-proġett imsemmi għamlu tpinġija fuq il-ħitan tad-dar tal-anzjani – Dar il-Madonna tal-Mellieħa.

20.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**21.1. Pubblikazzjoni ta' ktieb dwar it-Tunnara (P/4/5/2)**

21.2. Is-Sindku rrefera għat-tħejjijiet li qed isiru dwar il-pubblikazzjoni ta' ktieb dwar it-Tunnara, bħala parti mill-Ħannieqa Kotba Melleħin. Huwa għarraf l-awtur tal-ktieb – is-Sur David Muscat – attwalment mhux f'posizzjoni li jkompli fuq din l-inizjattiva minħabba npenji oħra li huwa għandu.

21.3. Il-Kunsilliera A. Brincat stellini qalet li hija ħasra li l-pubblikazzjoni ser titwaqqaf f'dan l-istadju minħabba x-xogħol u l-ispejjeż li saru s'issa kemm fl-issettjar u biex ittieħdu r-ritratti.

**22.1. Attivita` bi skop filantropiku f'Misraħ il-Parroċċa (A/6/3/2/Vol 56)**

22.2. Il-Viċi Sindku C. Bartolo aċċenna għall-ikla li saret fis-17 ta' Awwissu 2015, li ġiet organizzata mill-Inter Supporters Club, f'Misraħ il-Parroċċa. Kompla jgħid li €450 biex ħareġ il-permess, skont kif stipulat fil-liġi. Peress li l-attivita` kienet intenzjonata għal skop filantropiku, huwa talab lill-Kunsill jirrifondi s-somma msemmija.

22.3. Is-Sindku qal li l-kumment li sar fil-media soċjali kien wieħed frivolu meta jitqies li ma kien hemm ebda talba mill-organizzaturi biex tingħata konċessjoni. Is-Sur J. Buttigieg qal li s-serjeta` titlob li ssir talba bil-kitba mill-orgaizzaturi lill-Kunsill.

22.4. Is-Segretarju aċċenna li l-organizzaturi ngħataw faċilita` sabiex jużaw il-provvista tal-elettriku mill-arloġġ li l-Kunsill għandu f'Misraħ il-Parroċċa u għalhekk ġew aġevolati mill-ħlas tal-kera ta' arloġġ temporanju u l-konsum tal-elettriku.

22.5. Il-Kunsill qabel li m'għandha tingħata l-ebda konċessjoni b'mod amministrattiv, u għalhekk kull talba għandha tasal bil-kitba u tinġieb għall-attenzjoni mill-Kunsill qabel isseħħ l-avveniment.

**23.1. Ħarġa tal-magazin "Mill-Qiegħa" Nru. 57 (P/3/2/Vol V)**

23.2. Il-Viċi Sindku C. Bartolo għarraf li l-ħarġa li jmiss tal-magazin ser tinħareg lejn l-aħħar ta' Settembru jew fil-bidu ta' Ottubru 2015. Huwa talab lill-Kunsillieri sabiex jgħaddulu l-materjali li jixtiequ jippubblikaw.

23.3. Il-Kunsill innota l-appell li sar.

**24.1. *Best Hidden Gems in Europe 2015* (T/12/Vol II)**

24.2. Il-Viċi Sindku C. Bartolo aċċenna li l-Mellieħa hija fost 13-il lokalita` li rebħu t-titlu msemmi. Dan wara li 11,000 turist li żaru l-Mellieħa u vvutawlha bħala waħda mill-ġawhar moħbija fl-Ewropa. L-istess unur jingħata minn organizzazzjoni mhux governattiva msejħa European Best Destinations li hija bbażata fi Brussell. Il-Mellieħa kklassifikat fis-seba' post. Is-Sur C. Bartolo qal li dan l-unur ċertament li jservi ta' pjattaforma biex il-lokalita` tingħata aktar pubbliċita` li finalment tissarraf f'aktar investiment u kummerċ.

24.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

## AĠĠORNAMENT

Is-seduta spiċċat fid-9.30pm u ġiet-aġġornata għal nhar it-Tnejn, 14 ta' Settembru 2015 fis-7.15 pm.

John Buttigieg
**Sindku**

Carmel Debono
**Segretarju Eżekuttiv**